



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5272/24

CDR 9

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-
Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**li taħtar membru supplenti,
propost mir-Repubblika tal-Awstrija,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Awstrijak,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoral i ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/2157¹, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Martin EICHTINGER sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sur Karl Wilfing, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoral i ta' awtorità reġjonali, *Präsident des Niederösterreichischen Landtages, Land Niederösterreich* (President tal-Parlament tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel, Reġjun tal-Awstrija t'Isfel), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

Artikolu 1

Is-Sur Karl Wilfing, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoral i ta' awtorità reġjonali, *Präsident des Niederösterreichischen Landtages, Land Niederösterreich* (President tal-Parlament tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel, Reġjun tal-Awstrija t'Isfel), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
